Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►C1 **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/357**

tal-25 ta' Jannar 2021

li temenda d-Deċiżjoni 98/683/KE dwar kwistjonijiet tar-rata tal-kambju relattivi għall-frank CFA u għall-frank Comorjan ◄

(ĠU L 69, 26.2.2021, p. 1)

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 70, 1.3.2021, p. 15 (2021/357)

▼B
▼C1

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/357

tal-25 ta’ Jannar 2021

li temenda d-Deċiżjoni 98/683/KE dwar kwistjonijiet tar-rata tal-kambju relattivi għall-frank CFA u għall-frank Comorjan

▼B

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 98/683/KE hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Deċiżjoni tal-Kunsill 98/683/KE tat-23 ta’ Novembru 1998 dwar kwistjonijiet tar-rata tal-kambju relattivi għall-muniti tal-UEMOA, tas-CEMAC u tal-Comoros”;

(2) l-Artikoli 3 sa 5 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“Artikolu 3

L-awtoritajiet kompetenti Franċiżi għandhom iżommu lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju informati fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet. L-awtoritajiet Franċiżi għandhom jinformaw lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju qabel ma jsir tibdil fil-parità bejn l-euro u l-muniti tal-UEMOA, tas-CEMAC jew tal-Comoros.

Artikolu 4

Franza tista’ tinnegozja u tikkonkludi modifiki għall-ftehimiet preżenti, jew tissostitwihom, dment li n-natura jew il-kamp ta’ applikazzjoni tal-ftehimiet ma jinbidlux. Hija għandha tinforma, minn qabel, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju b’tali modifiki.

Artikolu 5

Kwalunkwe pjan biex isir tibdil fin-natura jew fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-ftehimiet preżenti, kemm permezz tal-emendar jew permezz tas-sostituzzjoni tagħhom, għandu jiġi ppreżentat minn Franza lill-Kummissjoni, lill-Bank Ċentrali Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju. Tali pjanijiet ikunu jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq il-bażi ta’ rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.